MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2403/1997/1

**Tanya Demicoli**

**vs**

**Silvio Demicoli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti dahlu f'cerimonja matrimonjali fl-1 ta' Dicembru 1990.

Illi l-kunsens fil-mument taz-zwieg kien vizzjat minhabba f'koerzjoni morali *stante* li l-kontendenti zzewgu biss ghax l-attrici harget tqila.

Illi *inoltre* l-kontendenti li t-tnejn kellhom tmintax-il sena u kienu mmaturi u mhux kapaci jassumu l-obbligi matrimonjali.

Illi l-konvenut kien isofri minn anomalija psikologika li trendih aggressiv hafna b'mod li matul il-perjodu qasir taz-zwieg taghhom, kien isawwat lill-attrici regolarment.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi tiddikjara:-

1. Illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Dicembru 1990 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-ispejjez ikunu kontra l-konvenut li huwa ngunt in subissjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Dicembru 1990.

2. Illi fl-eta' mmatura da parti tal-partijiet l-attrici nqabdet tqila, liema fatt kien certament l-motiv principali li l-partijiet izzewgu.

3. Illi l-allegazzjoni ta' anomalija psikologika u ta' swat fil-konfront tal-esponent hu kontestat, pero' hu konfermat li l-attrici kienet tirrikorri ghall-ghajnuna medika liema haga rendiet iz-zwieg impossibbli u li kien zbaljat.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat il-verbali tal 4 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti lil Dr. Fiorella De Marco bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tat-28 ta' Mejju 1999; tad-29 t'Ottubru 1999; tal-5 t'April 2000; tat-23 ta' Mejju 2000; tal-24 ta' Novembru 2000; tal-21 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001 fejn il-

konvenut gie awtorizzat li jipprezenta x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit fi zmien ghoxrin (20) gurnata u anke ordnat lill-Perit Legali biex wara li zzomm seduta wahda ghall-kontro-ezami tal-istess affidavit, tirrelata; tat-22 ta' Novembru 2001; tal-15 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tal-15 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta' Mejju 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Gunju 2002 fejn il-Perit Legali Fiorella De Marco halfet ir-rapport; tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn Dr. David Camilleri ghall-attrici u Dr. Chris Cilia ghall-konvenut irrimettew ruhhom ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Tanya Demicoli** permezz tal-affidavit taghha xehdet hekk:-

*"Jien izzewwigt lil Silvio Demicoli fl-1 ta' Dicembru 1990. Kont ili nafu seba' xhur qabel ma zzewwigna. Ahna t-tnejn konna ghadna tfal. Meta iltqajt mieghu jien kelli biss sbatax-il sena. Huwa kellu daqsi. Ir-relazzjoni ta' bejnietna kienet wahda ta' bejn zewgt itfal hbieb. Fl-ewwel tliet xhur tar-relazzjoni taghna qatt ma tkellimna fuq zwieg ghax konna ghadna zghar wisq.*

*Pero’ f’Awissu 1990 jien hrigt tqila. It-tnejn ippanikkjajna, u ppanikkjaw aktar minnha l-ġenituri tagħna. Aħna konna nkwetati ħafna dwar x’kienu ser jgħidu n-nies fuqna. Kont ukoll nibża’ minn missieri għax kien strett ħafna miegħi. Jien ma ridtx nizzewweġ u lanqas hu, pero’ konna mġiegħlin nizzewġu minħabba fit-tarbija. Jien ma kontx naf x’ser naqbad nagħmel jekk nibqa’ waħdi bit-tarbija.*

*Minħabba f’dan iddeċidejna li nizzewġu, għamilna kollox ta’ malajr u lanqas ‘course’ ta’ Kana ma segwejna. Konna morna xi darbtejn biex taparsi morna biex jagħtuna ċ-ċertifikat.*

*Sal-ġurnata taz-zwieġ lanqas konna nirrealizzaw għal x’hiex dehlin.*

*Qabel iz-zwieġ jien u Silvio konna niġġieldu ħafna u malli zzewwiġna aktar konna niġġieldu. Kif izzewwiġna ma kellniex fejn immorru noqogħdu u morna ngħixu għal kważi sena għand ommu u missieru. Kif wellidt mort flimkien ma’ Silvio għand ommi.*

*Sadattant Silvio Demicoli kien isawwatni ta’ sikwit u kien aggressiv ħafna miegħi kważi mill-bidu nett. Darba niftakar li meta kont tqila bit-tarbija kien tani daqqa ta’ sieq u waqajt fuq is-sodda. F’okkażjoni oħra kien ġie jagħmel għalija b’sikkina. Darb’oħra kien tani daqqa ta’ tornavit. Xi xhur wara li morna d-dar t’ommi u missieri konna sibna nikru post il-Ħamrun. Is-swat ma waqafx, anzi kien kemm-il darba għidtlu li ma kienx iħobbni u ma riedx jirranġa d-dar. Fil-fatt hu qatt ma għamel xejn fid-dar.*

*Minħabba f’dan kien impossibbli għalina li nibqgħu ngħixu flimkien u sseparajna b’kuntratt biss erba’ snin u nofs wara li zzewwiġna”.*

Illi l-istess attriċi xehdet *viva voce* fejn sostniet illi:-

*“Jiena ltqajt mar-raġel tiegħi fil- 5 ta’ Mejju 1990 go ‘disco’ f’Paceville. Jiena kont għadni kemm għalaqt tmintax-il sena u anke hu. Wara xahrejn li konnna ilna noħorġu flimkien kont iltqajt mal-ġenituri tiegħu peress li missieru*

*kellu bzonn jaghmel operazzjoni. Meta konna nohorgu flimkien kien jaghmel ghaliha, kien jew johrog il-mus u jaghmiluli ma' wicci jew ma' idi. Niftakar darba meta mort biex innehhihulu carratt subajja. Hu kien meta jsawwatni jgib l-iskuza illi biex jiccajta izda kien anke jbengilni. Anke meta kien isuq kien isuq bil-goff. Darba ghal ftit ma dahhalnix go hajt. F' Awissu jiena hrigt tqila. Meta ghidtlu li hrigt tqila huwa ghamel il-geddum u qalli biex niehu xi pilloli biex innehhi kollox. Jiena ghidtlu li ma ridtx u ceda. Malli qal lil 'mummy' tieghu hi qaltilna li nistghu mmorru noqoghdu ghandhom. Imbaghad morna biex nghidu lill-mama` tieghi li haditha bil-kbir hafna - qaltli aqbad il-hwejjeg u itlaq, semmietli ukoll biex niehu l-pilloli biex inkorri u qaltli li hi ma kienitx lesta li tghid lil missieri. Qaltli biex immur nghid il-patri biex jghid lid-'daddy'. Jiena bzajt nghid lil papa` ghaliex sibt li zgur jaghtini xebgha. Jiena u Silvio morna nghidu lil Father Joe (illum il-kappillan ta' Santa Venera) u dakinhar li jiena kont qed nippakkja biex nitlaq Father Joe baghat ghad-'daddy'. Gie lura d-dar u qal lil Silvio biex jitla' fuq ha jkellmu. Ahna tlajna u qallu jekk kienx ser jizzewwigni. Silvio ghall-ewwel ma rrispondihx. Imbaghad, nahseb li bil-biza' mid-'daddy' - ghaliex id-'daddy' huwa tip nervuz u meta jitlaghlu huwa bla kontroll - qalli fil-kaz nizzewgu. Qalli: "la bzaqtha nilaghqha". Ghall-ewwel konna ser nizzewgu wara li titwieled it-tarbija biex ikollna cans insiru nafu lil xulxin ahjar. Dan kien fuq parir ta' Dun Vincenz li jigi kugin tad-'daddy' ta' Silvio. Izda d-'daddy' ma kienx hallieni mmur noqghod ghand il-'mummy' ta' Silvio u beda jaghfasna hafna fuq il-hinijiet li nohorgu. Konna niltaqghu fis-6:00 p.m. u ried li fit-8:30 p.m. nidhol id-dar. Silvio beda jiddejjaq b'dis-sikkatura u ghalhekk iddecidejna li nizzewgu.*

*Ahna zzewwigna fl-1 ta' Dicembru 1990 u meta konna fir-'reception' Silvio qalli: "Jiena lanqas kont gej ghat-tieg, illum jien kont ser naqbad u nsiefer lejn l-Ingilterra" izda qal, li gie xorta wahda ghax thassar 'il-baby. Wara t-tieg ma kellniex 'honeymoon' u konna morna noqoghdu mal-'mummy' tieghu. Meta konna noqghodu hemm il-'mummy' tieghu u ohtu kienu jiggieldu mieghi, qisom kienu qed jarawni zejda hemm gew. Jiena kont nibki u kont*

*nghidlu nizzilni ghand il-'mummy' ghaliex qed jiggieldu mieghi. Hu kien jghidli li ma jridx ghaliex issa hemmhekk ghandi noqghod. Hu kien dejjem jzomm maghhom meta konna niggieldu. Fit-23 ta' Mejju 1991 kelli t-tifel, Wayne. Ghall-ewwel ferhu, izda wara gimaghtejn ommu kienet gieghlitni nohrog nahdem go fabbrika. Jiena kont mort minkejja li kelli 'depression'. Omm Silvio u ohtu baqghu dejjem jivvintaw xi raguni biex jiggieldu mieghi. Silvio li kien izomm maghhom kien jaghmel ghalija meta konna mmorru fil-kamra taghna. Kien jissussani, jinsultani, u jitfaghni ma' l-art u jqieghed idu ma' wicci. Meta kont imbengla u ommi kienet issaqsini x'ghandi jiena kont nghid li laqatni t-tifel. Darba ma flahtx aktar. Cempilt lid-'daddy' tieghi u ghidtlu biex jigi ghalija u morna nghixu mal-familja tieghi. Ghand il-'mummy' xorta bqajna niggieldu l-aktar ghax kien jakkuzani li nonfoq hafna flus. Il-'mummy' ma kienitx tidhol fil-kamra meta ahna konna niggieldu, izda niftakar li darba taghni daqqa ta' harta li kien ghamilli 'black eye'. Meta ratni staqsietni x'gara izda bhas-soltu biex nahbilu jiena ghidt li ghamilhieli t-tifel.*

*Meta morna noqoghdu l-Hamrun wara li ghamilna tmien xhur noqoghdu mal-'mummy' tieghi ergajna bqajna niggieldu. Niftakar li darba huwa kellu nfezzjoni fil-parti tieghu u biex jinhasel uza s-sapuna li jiena kont nuza fuq it-tifel u jiena ghidtlu li ma missux uza dik is-sapuna, huwa qabad u gie taghni daqqa ta' tornavit go rasi.*

*Meta konna nohorgu flimkien kien johodni sikwit lejn il-Price Club tar-Rahal Gdid u kien jghidli li hu kien johrog ma' certu Sharon li toqghod vicin t'hemm. Jien ma nafx jekk dan kienx minnu, izda nista' nghid li kif isseparajna huwa beda johrog maghha. Hu kien jghidli li qabel ma hareg mieghi kien diga' jafha u sahansitra kellu tifla minn ghandha. Jiena sirt naf li kella tifla, wara li zzewwigna. Nipprometti li nipproduci certifikat ta' l-incident tat-tornavit fis-seduta li jmiss.*

*Il-glied qatt ma naqas, inoltre xi sentejn u nofs wara z-zwieg niftakar Sylvio kien beda jahdem 'part-time' ma' tal-Wembley, apparti li kellu xi xoghol iehor. Niftakar li gurnata minnhom saqsejtu biex jirrangali xi haga fid-dar.*

*Huwa rrispondini: "jiena m'ghadniex inhobbok" u m'ghamel xejn. Huwa kien aktar jorqod fil-karozza milli jorqod mieghi. Il-hrug spicca jikkonsisti biss f'li mmorru inzuru l-'mummy' tieghu. Niftakara li fis-7 ta' Gunju tas-sena 1995 jiena kont ghidtlu li ser naghmel il-lazanja u hu wegibni: "taghmilli xejn ghaliex nitfghu ma' l-art". Qabad il-'garbage bags' u ppakkja nofs il-hwejjeg u telaq ghand il-'mummy' tieghu. Ftit granet wara gie jiehu l-bqija ta' hwejgu. Dakinhar hu spjegali li kellu jitlaq ghaliex ma felahx aktar il-garr u ma kienx ihobbni. Jien ghidtlu li ma xtaqtx li jitlaq minhabba li kellna t-tifel izda mhux minhabba fija peress li lanqas jien ma kont inhobbu. Niftakar anke li dakinhar habbat rasu mal-hajt u beda jibki li kien ser jitlaq lil ibnu. Imhabba bejnietna ma kienx hemm, li kellna kien imhabba lejn it-tifel".*

Illi fix-xhieda ta' **Mary Mifsud**, omm l-attrici din sostniet illi:-

*"Jien nigi omm Tanya Demicoli. Niftakar li binti kienet iltaqghat ma' guvni f'Mejju 1990. Kienu johorgu flimkien ta' tfal li kienu. Xi tliet xhur wara binti kienet qaltli li harget tqila minnu. Sa dakinhar hija qatt ma semmietli zwieg. Kellha biss sbatax il-sena.*

*Jiena ma ridthomx jizzewgu ghax kont narahom jiggieldu ta' sikwit u deherli li wara biss tliet xhur ma kienx ghadhom jafu lil xulxin bizzejjed ghaz-zwieg. Naf li meta qalet lil missierha li kienet tqila dan hadha bi kbira hafna u rrabja hafna. Hija kienet tibza' minn missierha.*

*Naf li wara ftit xhur izzewgu. Jien ma nhossx li kienu ppreparati u maturi bizzejjed biex jizzewgu.*

*Mill-ewwel beda l-inkwiet. Avolja binti mhux dejjem kienet tghidli, indunajt li Silvio Demicoli kien isawwatha hafna.*

*Naf li darba minnhom kellhom xi jghidu u ftit wara harget mill-kamra taghha bi 'black eye'. Hija wahhlet fit-tifel biex ma tinkwetanix. Pero' ndunajt li kien hemm xi haga bejniethom. Dan gara meta kienu qed jghixu mieghi.*

*Darba niftakar li meta marru joqoghdu fil-post li kellhom il-Hamrun cempel Silvio Demicoli u qalli li hadha l-isptar ghax waqghet u habtet rasha mas-sink. Gie ghalija u meta konna sejrin l-isptar biddel il-verzjoni u qalli li kien laqatha b'tornavit. Wara sirt naf li ma kien laqatha xejn pero' sawwatha bih.*

*Niftakar ukoll li anke wara li sseparaw u meta kien imur ghand it-tifla biex jara t-tifel kien isawwatha ukoll lil Tanya. Dan rajtu b'ghajnejja stess".*

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi qabel xejn jigi precizat li l-konvenut f'dan il-kaz ghalkemm ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni tieghu u ghalkemm deher fit-tieni seduta, minkejja li l-Qorti taghtu hafna opportunita' biex jipprezenta x-xhieda tieghu baqa' m'ghamel xejn.

Illi bic-citazzjoni kif imposta, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici qieghda tallega bhala raguni tan-nullita' taz-zwieg dak li hemm previst fil-paragrafi **(a) u (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 19 tal-kap 255**. Dan peress li ma giex specifikat taht liema mid-diversi paragrafi tal-artikolu 19 (1) qed jigi mpunjat iz-zwieg.

Illi l-**paragrafu (a) tal-artikolu 19 (1)** jitkellem dwar meta: *"Il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza'."* Il-**paragrafu (d)**, imbaghad jghid li z-zwieg ikun null: *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi bi vjolenza sew fizika, sew morali, jew biza', il-legislatur qed jirreferi ghal sitwazzjoni fejn il-kunsens li ghandu jinghata f'mod liberu ma jinghatax hekk minhabba l-pressjoni ezercitata minn element barrani li jinfuwixxi l-agir ta' dak li ghandu jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

Illi filwaqt li t-tifsira ta' vjolenza fizika hija cara, dik ta' vjoleza morali m'hijiex u ghalhekk taghti lok ghall-interpretazzjoni. ***Finocchiero*** jargumenta dal-punt billi jghid li r-rekwiziti li applikaw ghall-ligi ta' kuntratt fil-Kodici Civili japplikaw ukoll hawnhekk.

Illi **artikolu 974 tal-Kodici Civili** jghid li: *"Jekk il-kunsens ikun moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa"*. **Artikolu 978 (1)** jghid: *"Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u geghilha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghalxejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira"* u **(2)** illi: *"F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess, u l-kundizzjoni tal-persuna".*

Illi l-legislatur taghna kien influwenzat mill-ligi Kanonika fejn huwa necessarju li t-theddida tkun gravi, jew fiha nnifisha, jew imqar soggettivament. Gurisprudenza rotali kontinwament tqis il-kundizzjoni tal-vittma, partikolarment jekk hija persuna dghajfa. *Inoltre*, it-theddida ghandha tkun wahda reali fejn il-bniedem li qed jhedded probabbilment iwettaq dik it-theddiha minhabba l-poter jew awtorita' li jippossjedi.

Illi l-biza' tista' tkun tali li twaqqaf l-uzu tar-raguni, izda kemm-il darba hija bizzejjed biex tinfluwenza bniedem b'mod li ma jibqax jagixxi f'mod liberu u jispicca biex jaghzel li jaghmel dak li kieku ma kienx ser jaghmel. Il-fatt li l-kunsens ma kienx wiehed liberu minhabba f'hekk, huwa bizzejjed ghall-**artikolu 19 (1) (a)**.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta’ gudizzju tikkonsisti f’zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti: *“la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva…. La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi’ una mancanza di consenso libero (immaturita’ affettiva) e ponderato (immaturita’ di giudizio)”* (***Bersini. F***., **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97.

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li: *“e’ necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita’ intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra’ ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. “……..se il soggetto non e’ in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira’ che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa’ coniugale, sia*

*nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* (***Pompedda, MF.***, **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

L-awtur ***Viladrich*** jispjega li: *"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.**,* **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghal anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3)** tirrikjedi mhux semplici diffikulta' izda mpossibbilta' li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita' jew impossibbilta' vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikolgika serja li, indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzalment il-kapacita' *"di intendere e/o di volere"*.

Illi premess dan kollu, din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina dak li jirrizulta mill-provi. Il-partijiet izzewgu fl-1 ta' Dicembru 1990 wara li kienu jafu 'l xulxin biss ghal seba' xhur. Meta ltaqghu kellhom biss sbatax-il sena. L-attrici tispjega: *"ir-relazzjoni ta' bejnietna kienet wahda ta' bejn zewgt itfal hbieb"*. Pero` tliet xhur wara li ltaqghu l-attrici harget tqila. Hija tiddeskrivi kif: *"It-tnejn ippanikkjajna w ippanikkjaw aktar minnha l-genituri taghna. Ahna konna nkwetati hafna dwar x'kienu ser jghidu n-nies fuqna. Kont ukoll nibza' minn missieri ghax kien strett hafna mieghi".* Hija tispjega li meta qalet lill-konvenut: *"qalli biex niehu xi pilloli biex innehhi kollox".* Izda hi ma kienitx lesta li taghmel dan. *"Meta qalu l-'mummy tieghi', hi qaltilna li nistghu mmorru noqoghdu*

*ghandhom".* Il-genituri ta' l-attrici haduha ferm aktar bi kbira.

Illi ommha kient issuggerietilha biex tiehu xi pilloli biex tkorri u staqsietha taqbad il-hwejjeg u titlaq 'il barra. Avzatha wkoll li bezghet tghid lil zewgha. Omm l-attrici tghid: *"Jiena ma ridthomx jizzewgu ghax kont narahom jiggieldu ta' sikwit u deherli li wara biss tliet xhur ma kienux ghadhom jafu lil xulxin bizzejjed ghaz-zwieg."* L-attrici tant bezghat tghid lil missierha *"ghaliex hsibt li zgur jaghtini xebgha"* li qalet lil Father Joe biex jghidlu. Meta missierha sar jaf sejhilhom u staqsa lil Silvio jekk kien ser jizzewwigha. *"Silvio ghall-ewwel ma rrispondihx, imbaghad nahseb b'biza' mid-'daddy' – ghaliex id-'daddy' huwa tip nervuz u meta jitlaghlu huwa bla kontroll"* irrisponda li: *"la bzaqtha nilghaqha"*.

Illi fuq parir ta' Dun Vincenz kienu ser jizzewgu wara t-twelid tat-tarbija: *"biex ikollna cans insiru nafu 'l xulxin ahjar"* izda peress li missier l-attrici beda jaghfashom fuq il-hin ta' hrug: *"Silvio beda jiddejjaq b'din is-sikkatura u ghalhekk ddecidejna li nizzewgu"*.

Illi l-attrici tispjega: *"ghamilna kollox ta' malajr u lanqas kors ta' Kana ma segwejna". Sal-gurnata taz-zwieg lanqas konna nirrealizzaw ghal x'hiex dehlin".* Omm l-attrici tghid: *"Jien ma nhossx li kienu ppreparati w maturi bizzejjed biex jizzewgu."* Waqt ir-*reception* il-konvenut qalilha: *"Jiena lanqas kont gej ghat-tieg illum. Jien kont ser naqbad u nsiefer lejn l-Ingilterra."* Kienu dawn ic-cirkostanzi li wasslu l-kontendenti biex jiehdu d-decizjoni li jizzewgu ta' l-eta' ta' tmintax-il sena, wara biss seba' xhur li kienu jafu lil xulxin, bl-attrici tqila ta' erba' xhur.

Illi l-kontendenti la marru ghall-*honeymoon* u lanqas kellhom dar ghalhekk marru joqoghdu *"mal-'mummy' tieghu".* Omm l-attrici tghid: *"mill-ewwel beda l-inkwiet".* L-attrici tghid: *"Qabel iz-zwieg jiena u Silvio konna niggieldu hafna u malli zzewwigna aktar konna niggieldu"*. Hi tispjega kif qabel iz-zwieg il-konvenut kien jaghmel ghaliha u: *"kien jew johrog mus u jaghmiluli ma' wicci jew m'idi …….. hu kien, meta jsawwatni jgib l-iskuza li biex*

*jiccajta izda kien anke jbengilni".* Hi tispjega li wara z-zwieg meta kienu joqoghdu mal-familja tieghu, ma kienitx tingieb m'ommu u ohtu. *"Jiena kont nibki u kont nghidlu nizzilni ghand il-'mummy' ghaliex qed jiggieldu mieghi". Hu kien jghidli li ma jridx ghaliex issa hemmhekk ghandi noqghod. Hu kien dejjem izomm maghhom, …… kien jaghmel ghalija meta konna mmorru fil-kamra taghna. Kien jissussani, jinsultani u jitfaghni ma' l-art u jqieghed idu ma' wicci. Meta kont imbengla u ommi kienet issaqsini x'ghandi jiena kont nghid li laqatni t-tifel".* Omm l-attrici tikkorrobora dan u tghid: *"avolja binti mhux dejjem kienet tghidli, indunajt li Silvio Demicoli kien isawwatha hafna".* L-attrici tirrakkonta kif meta ma felhitx aktar marru joqoghdu mal-familja taghha izda l-glied kompla ghaliex: *"kien jakkuzani li nonfoq hafna flus".* Hawnhekk ukoll il-glied baqa' jsir fil-kamra taghhom. *"Izda niftakar li darba tani daqqa ta' harta li kien ghamilli 'black eye'. Meta ratni (ommi) staqsietni x'gara izda bhas-soltu biex nahbilu jiena ghidt li ghamilhieli t-tifel".* Fix-xhieda taghha omm l-attrici tikkonferma dan il-fatt. Hija tghid: *"Naf li darba minnhom kellhom xi jghidu u ftit wara harget mill-kamra taghha bi 'black eye'. Hija wahhlet fit-tifel biex ma tinkwetanix. Pero' ndunajt li kien hemm xi haga bejniethom"*

Illi tmien xhur wara marru joqoghdu go dar il-Hamrun. Pero' hemhekk ukoll il-glied baqa' ghaddej u sahansitra tirrakkonta kif darba taha daqqa ta' tornavit. L-omm tispjega" *"darba niftakar li meta marru joqoghdu fil-post li kellhom il-Hamrun cempel Silvio Demicoli u qalli li hadha l-isptar ghax waqghat u habtet rasha mas-sink. Gie ghalija u meta konna sejrin l-isptar biddel il-verzjoni u qalli li kien laqatha b'tornavit. Wara sirt naf li ma kien laqatha xejn pero' sawwatha bih."*

Illi l-attrici tikkonkludi li: *"is-swat ma waqafx. Anzi kien kemm-il darba jghidli li ma kienx ihobbni u ma riedx jirranga d-dar. Fil-fatt hu qatt ma ghamel xejn id-dar. Imhabba bejnietna ma kienx hemm. Minhabba f'dan kien impossibbli ghalina li nibqghu nghixu flimkien u sseparajna b'kuntratt biss erba' snin u nofs wara li zzewwigna".*

Illi mill-kumpless tal-provi kif hawn fuq delineati, din il-Qorti fl-ewwel lok ma taqbilx mal-Perit Legali illi fl-1 ta' Dicembru 1990 ma nholoqx zwieg validu bejn il-partijiet peress li l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza'.  Illi huwa veru li l-attrici qatt ma kellha hsieb li tizzewweg. Illi huwa veru wkoll li  meta harget tqila kienet ghadha zghira u bezghana hafna minn missierha (anke ommha bezghet tghidlu). Illi c-cirkostanzi poggew fuhqa pressjoni, kemm mill-konvenut, kif ukoll minn ommha biex tnehhi t-tarbija u kienet gja' mkeccija mid-dar minn ommha. *"Jiena ma kontx naf ser naqbad naghmel jekk nibqa' wahdi bit-tarbija".* Kienu f'dawn ic-cirkostanzi illi minkejja li kienet taf lil Silvio ghal biss tliet xhur, u kienu gja' jiggieldu hafna, fuq ordni ta' missierha u biza' li: *"meta jitlaghlu huwa bla kontroll",*  dahlet ghaz-zwieg.  Illi pero' dan kollu ma jwassalx lil din il-Qorti sabiex jinghad li gew sodisfatti r-rekwiziti tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** ghalkemm hemm bazi ta' dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg a bazi tal-**artikolu 19 (1)** *stante* li ma hemm ebda dubju li l-partijiet izzewgu biss ghaliex l-attrici harget tqila.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali fejn jinghad li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.  Huwa qatt ma wera li kellu dik il-maturita' affettiva u l-maturita' ta' gudizzju mehtiega sabiex jaghti l-kunsens tieghu ghal dak il-*consortium totium vitae* li hu zwieg.  Dan in-nuqqas serju ta' diskrezzjoni u gudizzju huwa evidenzjat kemm mir-raguni ghala pprecipita ghaz-zwieg: *"la bzaqtha nilaghqha"* kif ukoll mill-leggerezza li biha ttiehdet l-istess decizjoni: *"id-'daddy' beda jaghfasna hafna fuq il-hinijiet li nohorgu. Silvio beda jiddejjaq b'din is-sikkatura u ghalhekk ddecidejna li nizzewgu".*  Fl-ahharnett in-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu evidenzjat minn dak li sehh wara l-1 ta' Dicembru 1990 fejn kompli mill-ewwel bil-glied u swat. Hawn il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-provi juru bic-car karenza serja kritiko – valutativa da parti tal-konvenut dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta li l-attrici wkoll kienet affetta bid-difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *stante* li l-unika haga li wasslitha sabiex tiehu d-decizjoni li tizzewweg kienet biss l-imsemmija tqala u l-pressjoni li l-istess avveniment igib mieghu, specjalment meta hija kienet ghadha tant zghira fl-eta'.

Illi ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirritjeni li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett a bazi tal-fatt li l-kunsens tal-partijiet kien *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"* a bazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu nkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti fl-1 ta' Dicembru 1990 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------